MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-21 ta' Settembru, 2011

Numru 1069/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Ahmed Sharif Haydar Issa**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Ahmed Sharif Haydar Issa ta' 29 sena, bin Haydar Issa u Amina neè Osman, imwieled is-Somalia fl-1 ta' Jannar 1983, minghajr residenza fissa, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 43683A u numru tal-Immigrazzjoni 07MMM-029 talli:

1. Fil-15 ta' Settembru 2011 ghall-habta tas-01:15 a.m. u hinijiet qabel waqt li kien fil-Pjazza Antoine De Paule Rahal Gdid u f'inhawi ohra f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' basket u portmoni bi €15 ghad-detriment ta' Elizabeth Bugeja minn Rahal Gdid liema serq hu kkwalifikat bil-hin;

2. Fl-istess cirkostanzi offenda l-pudur jew il-moral ta' Elizabeth Bugeja u Peter Horace Caruana minn Rahal Gdid b'ghemil zieni li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku;

3. Fl-istess cirkostanzi, ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxejn jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

4. Fl-istess cirkostanzi, ikkaguna biza' lil Elizabeth Bugeja u Peter Horace Caruana minn Rahal Gdid li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà taghhom jew kontra il-persuna jew proprjetà ta' xi had mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra;

5. Fl-istess cirkostanzi bl-imgieba tieghu gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Elizabeth Bugeja u Peter Horace Caruana b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghalihom.

Rat t-talba sabiex f'kaz ta' htija ta' l-imputat il-Qorti tipprovdi ghas-sigurtà ta' Elizabeth Bugeja u Peter Horace Caruana minn Rahal Gdid u tapplika l-provvedimenti ta' Art.383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat illi l-imputat irritorna s-somma ta’ €15.00 misruqa minghand Elizabeth Bugeja u li l-istess Elizabeth Bugeja hafritlu ta’ li gara ghad illi titlob protezzjoni fil-konfront mill-imputat;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu din il-Qorti necessarjament ikollha ssibu hati ta’ l-istess.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-fatt illi Elizabeth Bugeja hafritlu ta’ l-akkadut u li l-imputat irritorna s-somma ta’ €15.00 li seraq minghand l-istess Elizabeth Bugeja.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 17, 32, 261, 270, 281(a), 209, 338(bb), 251A u 251B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundanna ghal hmistax-il xahar (15) prigunerija u ghall-hlas ta’ multa ta’ hamsa u ghoxrin Euro (€25.00), izda billi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi hemm lok li l-imsemmi terminu ta’ hmistax-il (15) xahar prigunerija jigi sospiz, a tenur ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta tissosspendi t-terminu ta’ hmistax-il (15) xahar prigunarija ghall-perijodu ta’ erba’ (4) snin mid-data ta’ din is-sentenza. Ai termini ta’ l-Artikolu 14 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tikkoncedi zmien gimgha lill-imputat biex ihallas il-multa ta’ €25.00 peress illi huwa tressaq b’arrest quddiem din il-Qorti u fuqu ma kellux flus biex ihallas l-istess multa.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk hu jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. In oltre l-Qorti spiegat lill-imputat l-implikazzjonijiet legali jekk

jonqos milli jhallas il-multa ta' €25.00 entro t-terminu ta' gimgha prefiss f'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina jew b'xi mod isewgi l-movimenti ta' jew milli jikkuntattja jew jimmolesta lil Elizabeth Bugeja u Peter Horace Caruana. Dan l-Ordni ta' Trazzin ghandu japplika ghal perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza, u dan kif provdut f'Digriet moghti llum stess, anness ma' din is-sentenza u formanti parti integrali mill-istess.

L-imputat qed jigi mwissi ai termini ta' l-Artikolu 382C(3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jekk minghajr skuza ragonevoli jikser xi projbizzjoni imposta fuqu b'dan l-Ordni ta' Trazzin, huwa jkun hati ta' reat u jista' meta jinstab hati jehel multa ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) jew prigunerija ta' mhux izjed minn sitt (6) xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali fiz-zmien stabbilit mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------